MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1430/2005

**Raymond Farrugia
Vs
George Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tal-attur li talab ammont dovut mill-konvenut bhala rizarciment tad-danni kkawzati minnu fuq il-karozza KAQ 158 proprjeta' ta' l-attur meta l-istess konvenut habat mal-istess karozza nhar it-3 ta' Jannar, 2005 fit-triq ta' Saint Andrews minhabba sewqan traskurat tieghu.

L-ammont mitlub jirrapprezenta l-pre-accident market value tal-attur li safat beyond economic repair kif ukoll spejjes tas-survey.

Ra r-risposta tal-konvenut li qed jikkontesta t-talbiet attrici bhala li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident

tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Jannar 2005 bejn il-kontendenti ma garax tort u htija tal-esponenti izda gara tort unikament ta' l-attur.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija wahda ezagerata.

Ra x-xhieda ta' warden G243 Clayton Frendo li kkonferma li kien sehh incident fit-3 ta' Jannar 2005 bejn il-vetturi KAQ 158 u APR 024. Dan gara f'St.Andrews Rd qabel ma tasal ghal Madliena Cottage.

Ix-xhud jikkonferma r-rapport mhejji minnu (DOK CF1) u l-kontenut u l-qisien tieghu.

Ix-xhud jikonferma li l-incident sehh fil-parti dritta tat-triq. Ighid ukoll li l-frak tal-hgieg sabhom fuq il-linja bajda li tiddividi t-triq.

Ra x-xhieda ta' Philip Attard li huwa surveyor u kien mar jispezzjona il-hsarat fuq il-vettura ta'l-attur u ghamel survey report fis-sens li wara li vverifika x'kienet tinvolvi it-tiswija tal-vettura l-ispray kif ukoll il-parts kienet ser tigi "beyond economical repair." Bhala valur dan kien bejn erba' mitt lira (Lm400) u hames mitt lira (Lm500) u ir-wreck value kien jammonta ghal madwar mitt lira (LM100).

Ix-xhud jikkonferma li l-hsarat kienu fuq ir-right hand side, minn quddiem sa' wara.

Ra x-xhieda ta'l-attur li jikkonferma li huwa l-proprjetarju tal-vettura li ggib numru ta' registrazzjoni KAQ 158 u li dakinhar ta'l-incident kienet qed tigi misjuqa mit-tifel tieghu Nicholas. Fuq stima tas-surveyor l-attur qed jitlob dak l-ammont.

Ra x-xhieda ta' Stephen Debono li jispjega li hu kien qed isuq il-vettura JAO 437, dakinhar ta'l-incident u ghal habta tal-5.30 pm kien tiela' lejn San Pawl mill-Coast road. Ighid li quddiemu kien hemm ritmo hadra u li kemm hu kif ukoll din il-vettura kienu ghaddejjin fil-karreggjata taghhom.

Kien f'salt li sema' daqqa u ra r-ritmo ddur u l-genb tan-naha tax-xufier gie jhares lejh u pprova jibbrejkja biex jevita izda baqa' diehel go din il-vettura. Kien hemm karozza ohra involuta fl-incident Hyundai, izda sal-mument ta'l-incident ix-xhud ighid li ma kienx ra din il-vettura.

Bhala hsarat ix-xhud ighid li hu kellu quddiem kollu bhala daqqa kien hemm body work u biddel ukoll il-bonnet.

Ra x-xhieda ta' Nicholas Farrugia li jispjega li hu kien qed isuq il-vettura KAQ 158 tiela' lejn il-Coast Road u waqt li kien qed idur mal-Forum Hotel bi speed normali, karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta giet fil-karreggjata tieghu, laqtitu fuq it-tyre ta' quddiem u bid-daqqa il-vettura daret 90 degrees. Hu jghid li waqt li kien qed isuq kien fil-karreggjata tieghu two thirds to the right. Per konsegwenza kien hemm karozza ohra warajh li baqghet diehla go fih.

Ix-xhud jinnega li kien qed jipprova jaqbez vettura ohra.

Dwar il-frak tal-hgieg, ix-xhud ighid li sa' fejn jiftakar dawn kienu warajh fil-lane tieghu u mhux fuq il-linja bajda li kienet tiddividi t-triq.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li dakinhar ta'l-incident kien qed isuq il-vettura tieghu mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq, lejn San Giljan u kien fuq in-naha ta' barra tat-triq li kellha zewg karreggjati.

Waqt li kien fil-vicinanzi tal-Forum Hotel, giet vettura mid-direzzjoni opposta u kienet 'l barra mic-centre line u laqtitu fir-rota ta' quddiem u tal-mudguard. Jikkonferma li bid-daqqa il-vettura tal-attur daret.

Il-konvenut jinsisti li l-attur kien qed jaqbez vettura ohra. Ighid ukoll li l-incident sehh ftit qabel il-kisra u jispjega li pprova jibbrekja izda kien impossibbli li jevita l-vettura ta'l-attur u b'hekk sehh l-incident.

Bhala hsarat il-konvenut jispjega illi kellu fuq il-genb tal-vettura. Ma setax jiftakar jekk kienx inbidel il-fanal ta' quddiem, izda jikkonferma li kellu daqqa fil-fanal.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra
It-Tribunal irid jistabilixxi r-responsabbilita' o meno tal-konvenut. Il-fatti huma kontrastanti u hemm diversi verzjonijiet. Minn naha wahda hemm il-warden li jghid li ra l-break marks fuq iz-zewg nahat u li l-debris kien fuq il-linja bajda li taqsam it-triq.

Nicholas Farrugia ighid li l-konvenut dahal fil-karreggjata tieghu u li laqatlu t-tyre tal-karozza . Jinnega li kien ser jaqla' vettura ohra, meta sehh l-incident. Ix-xhud Stephen Debono jikkorobora x-xhieda ta' Farrugia fis-sens li ighid li kien ghaddej wara Farrugia u t-tnejn kienu fil-karreggjata taghhom. Ighid ukoll li ma kienx ra l-vettura tal-konvenut, li ra biss kien il-vettura tal-attur iddur u ma setax jevitah u baqa' diehel go fih.

It-Tribunal ihoss li l-verzjoni tal-attur hija aktar kredibbli, aktar u aktar meta hemm xhud okulari li per konsegwenza tal-kollizzjoni bejn il-vettura ta'l-attur u l-konvenut spicca biex gie involut fl-istess incident.  Ikkonfermat li ma kienx hemm traskuragni da parti ta' Farrugia ghaliex dejjem kien baqa' fil-karreggjata tieghu. Lanqas ma hi kredibli t-tesi tal-konvenut li mar jaqbez vettura u dan peress li jinnegah l-attur, kif ukoll ma ssema' xejn  mix-xhud okulari.

Mill-iskizz tal-warden u l-posizzjoni li sabu ruhhom fihom l-vetturi meta sehh l-incident, jidher li l-impatt kien wiehed qawwi. Fl-ebda hin ix-xhud okulari jsemmi li l-vettura tal-attur kienet qed isuq b'velocita' qawwija, izda mal-impatt, il-vettura ta' l-attur daret 90 degrees, kif ukoll il-vettura tal-konvenut baqghet ghaddejja.

Dwar il-post tad-debris ma jidhirx li hemm qbil, pero' mill-iskizz tal-warden jidher li dan l-impatt sar x'imkien vicin il-linja bajda li tiddividi t-triq, minkejja li Nicholas Farrugia jghid li kien aktar fil-karreggjata tieghu.

Dwar id-danni, il-konvenut jikkontesthom, pero’ ma gabx provi sabiex jissostanzja d-danni kwantifikati mis-surveyor Philip Attard. Attard ikkonkluda li wara li jittiehedu in konsiderazzjoni l-labour li kien valutat fl-ammont ta’ mija u sittin lira Maltin (Lm160), spray fl-ammont ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) u l-parts li kienu jammontaw ghal mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280), kif ukoll ghaxar liri (Lm10) ghal wheel alignment, kienet tigi “beyond economical repair, ” peress li l-preaccident value kienet tvarja bejn erba’ mitt Lira (Lm400) u hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ghaldaqstant l-ammont totali tad-danni huwa ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650).

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------